# "Il-Ħajja tar-Re u r-Reġina tagħna"

Miktuba minn MICHAEL KISSAUN.

L-isem ta' Michael Kissaun mhux isem ġdid għall-qarrejja tal-Malti. Kittieb ta' proża mexxejja, awtur ta' tliet kotba, tnejn ġa mitbugħa u wieħed wasal biex joħroġ, Michael Kissaun jaħdem dejjem, jikteb, iħabrek u jagħnet għall-ġid u s-saħħa tal-Isien Malti.

"Il-Ħajja tar-Re Ġorġ V u tar-Reġina Marija" miktuba minnu, jekk tfittixha ma ssibhiex b'nemes. Dan juri li l-ktieb ingħoġob u nħataf. Ingħoġob u nħataf għax il-ġens Malti, ljali lejn il-Kuruna, sħiħ fit-twemmin u l-qima tiegħu lejn l-Ingilterra, irid dejjem jitgħallem dwar is-sabiħ, it-tajjeb u l-kbir ta' ħajjet is-sultan, mexxej tiegħu. U għalhekk, fuq dan is-sies inwaqqfu t-tama tagħna li dan il-ktieb ġdid, mimli b'kotra ta' tagħrif li ma ssibx f'kotba b'ilsna oħra, jinxtara u jinqara bħalma nxtara u nqara l-ktieb ta' qablu.

Dr. C. Mifsud Bonnici, fil-'Kelmtejn Qabel'. ta' dan il-ktieb, igħid: Lejn ir-Re ma għandux ikollna biss sentimenti tad-dmir tal-lealtà, imma dak ukoll ta' simpatija u ta' mħabba li jitkattru u jikbru aktar ma nkunu nafuh sew, bħala l-ogħla ċittadin ta' l-Imperu, bħala missier ta' familja kbira, ta' gnus diversi mxerrda mad-dinja kollha, li fil-persuna awgusta tiegħu jiġma' s-simblu tal-għaqda tagħna taħt bandiera waħda.

Ktieb bil-Malti li jitkellem fuq dan ir-Re—ir-Re missier u ħabib tal-ġnus tiegħu—kien mistenni b'herqa hawn Malta. Xogħol fejjiedi, maħdum b'reqqa kbira, tajjeb għall-kbar kemm għat-tfal—għat-tfal ħarira iżjed għax minnu, minbarra li jħasslu l-kelma, l-frażi u l-idjoma maltija, jitgħallmu wkoll kif għandhom iħobbu b'imħabba safja, iqimu u jobdu lill-art twelidhom, u lil dik l-art l-oħra, bil-bosta għażiża, li qed taħkimhom. Dan it-tagħlim iqawwilhom ħsiebhom u jgħinhom mal-ħarba taż-żmien.

Il-ktieb, mill-bidu sa l-aħħar, fih x'jolqtok, xi jqanqlek, x'jirbħek. Imma t-taqsima 'Malta' hija l-aktar li tiġbdek. F'din it-taqsima, mimlija bi xbihat sbiħ, l-Awtur iġibilna quddiem għajnejna l-ħidma ħabrieka, l-ħeġġa u l-ferħ tan-nies Maltija sabiex jilqgħu, kif jixirqilhom, ir-Re u r-Reġina tagħna, dik il-ħabta Duka u Dukessa ta' York. Dak il-*Melitensium amor*, igħidilna l-kittieb, li fil-bidu tas-seklu XIX ġiegħel lil missirijietna jerħu ruħhom u art twelidhom f'idejn l-Ingilterra mhux biss ma kienx naqas iżda, imrawwem, mirfud u msaħħaħ minn ġidd għall-ieħor il-lum huwa aktar qawwi, aktar safi minn dejjem. Sew fi żmien ta' gwerra kemm fi żmien ta' paċi, il-Maltin dejjem urew lealtá lejn l-Ingilterra."

It-taħditiet f'din it-taqsima (bħalma wkoll fit-taqsimiet l-oħra) huma maqluba tajjeb u mfissra b'kelma maltija safja. Huma mill-isbaħ.

Nieħdu b'idejn il-ħabib tagħna Michael Kissaun fil-waqt li, rasna u rasu, ngħidulu: Issokta sejjer b'dan ix-xogħol għall-ġid tiegħek, ta' Malta, u tal-letteratura tagħna. It-triq tal-kitba wegħrija bosta, nafu, iżda ftit tar-rieda tajba, u tirbaħ.

X. Y.